# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Roderick Attard)`
(Spettur Charlotte Curmi)
Vs
Raymond Camilleri

Illum, 25 ta' Settembru, 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Raymond Camilleri ta' 64 sena iben Paul u Antonia xebba Vassallo mwieled Rabat, Malta nhar il-hmistax (15) ta' Settembru 1957, residenti gewwa 65, Conway, Triq Pierre Muscat, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' numru 653157 M talli

Nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) ghal habta ta' bejn l-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00 hrs) u s-sebgha u nofs ta' filghaxija (19:30hrs) gewwa Triq Had-Dingli, ir-Rabat u/ jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:

(1) B' nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, minhabba f' hekk Matteo Grima bata offiza gravi fuq il-persuna tieghu, liema offiza tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;

(2) U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-hin indikat, u cirkostanzi, soqt vettura bil-mutur ta' l-ghamla Honda Fit Maxus bin-numri ta' registrazzjoni ECE 893, b' mod perikoluz, bla kont u traskurat.

Rat li fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2022 Matteo Grima gie ammess bhala *parte civile.*

Rat li fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2022 il-Qorti ikkonfermat in-nomina tal-esperti fl-atti tal-inkjesta.

Rat li fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2022 id-difiza qed tissollecita l-preskrizzjoni skont l-artikolu 688 ( e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan kwantu l-imputazzjonijiet adebitati lil imputat huma reati li ma jiskorrux is-sena u l-kawza giet differita' sabiex jigi trattat il-punt tal-preskrizzjoni.

Rat in-nota ta' l-ufficjal prosekutur tad-29 ta' Settembru, 2022 fejn ezebixxa permezz ta' nota l-ewwel notifika li bija gie notifikat bl-akkuzi hemm kif dedotti fil-konfront tieghu [notifika 13/07/2022].

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Doris Serpina Sciberras fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2022; ta' Spettur Roderick Attard fis-seduta tal-27 ta' Frar 2022 li ezebixxa referta Dok A;

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet limitatament dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fis-seduta tal-27 ta' Frar 2023;

Rat l-artikoli m 688€ 328 (b), art. 225, 226 (1)(a)  tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15 (1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 688 ( e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li rat ix-xhieda, d-dokument u l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat

Illi l-incident *de quo* sehh fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' April, tas-sena elfejn u ghoxrin (2020). Mir-riferta ezebita jirrizulta li l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni fit-tlettax (13) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022).

Ikkunsidrat

**Doris Serpina Sciberras** xehedet fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2022. Gie ipprezentat il-procè verbal kontra Raymond Camilleri li gie ghandha minghand l-Avukat Generali fis-26 ta' Settembru, 2022 dan il-Process Verbal gie redatt mill-Magistrat Dr Nadine Lia.

**Spt. Roderick Attard** xehed fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2023. Jixhed li permezz ta' nota ezebixxa r-referta ta' Sur Camilleri li qed jaghraf fl-awla. Liema avviz gie mqassam minnu stess fl-ghassa tar-Rabat nhar it-13 ta' Lulju, 2022.

Ikkunsidrat

Illi d-difiza qed tinvoka li l-imputazzjonijiet huma preskritti a tenur tal-artikolu 688 (e) tal-Kapitolu 9 li jghid;

> "688.Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni
>
> (e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-pienata' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet."

Illi qed jigi rilevat li fil-kaz in ezami l-imputat kien maghruf mill-pulzija tant li kif jirrizulta mir-rapport tal-pulzija NPS 7/Q/820/2020 datat tlieta u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u ghoxrin (23.04.2020) anness mac-citazzjoni l-pulzija kellmu lil imputat fuq is-sit tal-incident, u fir-rapport hemm imnizzel d-deskrizzjoni tal-incident li taha l- imputat lil pulzija li marru fuq is-sit tal-incident dak innhar stess. Illi dan il-kaz kien ukoll soggett ghall-inkjesta magisterjali li giet konkluza mill-Onorabbli Magistrat Dr Nadine Lia fit-12 ta' Jannar, 2022, fejn il-vettura tal-imputat giet elevata u inghatat lura wara digriet tal-Magistrat Inkwirenti tas-7 ta' Lulju, 2020. Illi ghalhekk ma hemm ebda' dubju li l-imputat kien maghruf u identifikabbli mil-Pulizija.

L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija skont artikolu 328 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li

> "328.Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqa sta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, jeħel, metaj insab ħati –
>
> b) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi fuq il-persuna, li tkun iġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejntliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletinċenteżmu (€2,329.37)."

Ir-referenza ghall-artikolu 218 fl-artikolu relevanti li huwa l-artikolu 328 (b) tal-Kap. 9 huwa intiz ghad-deskrizzjoni tal-offiza gravi u l-piena massima li tista' tigi imposta taht l-artikolu li bih gie akkkuzat l-imputat huwa prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa kif hemm stipulat fl-artikolu li bih gie akkuzat bih l-imputat.

Illi l-*parte civile* fit-trattazzjoni taghha qed targumenta li l-kaz in ezami jaqa' taht 226 (1) (a) li jrid jinqara flimkien mal-artikolu 225 riprodotti t-tnejn

> 225.(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta'tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minnerba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87)
>
> 226.(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikoluqabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati,jeħel –
>
> (a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75).

Illi kif inhi mressqa l-akkuza li giet riprodotta fil-bidu ta' din is-sentenza l-artikolu li gie ikkwotat huwa kelma b' kelma l-artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-artikoku 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija marbuta li taghti decizjoni skont l-akkuza li ghandha a quddiemha.

Illi huwa inkontestat li l-incident sehh fit-23 ta' April 2020 u l-imputat gie notifikat fit-13 ta' Lulju, 2022 u ghalhekk oltre l-perijodu ta' sentejn u l-akkuza hija ghalhekk preskritta.

Illi t-tieni imputazzjoni hija skont l-artikolu 15 (1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-piena massima hija ukoll ta' mhux izjed minn sena. Fit-trattazzjoni taghha l-parte civile kient ukoll accettat li t-tieni imputazzjoni hija preskritta skont il-ligi.

Decide

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 688(e) 328 (b), art. 225, 226 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15 (1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 688 ( e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-imsemmi Raymond Camilleri u tiddikjara l-azzjoni preskritta skont il-ligi u kwindi tilliberah minn kull azzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**